# Gran Premio della Lotteria di Agnano
Napli 2012




# ĠITA ta' 5 T'IJIEM
## MIT-3 SAS-7 TA' MEJJU 2012

**Inżuru: Napli, Sorrento, Pompei, u l-korsa t'Agnano.**

**Il-Ħamis 3 ta' Mejju:**

Niltaqgħu mat-*tour leader* fis-6.30a.m. fl'Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex fit-8.35a.m. intiru mat-titjira tal-Air Malta fuq KM 612 għal Ruma fejn naslu fl-10.00a.m. Kif naslu l-ajruport ta' Fiumicino, insibu kowċ jistenniena biex jeħodna lejn Napli. Kif naslu fil-lukanda tagħna 3 star f'Napli, nagħmlu ċ-*check* in u jkollna ħin liberu. Min jixtieq ikun jista' jagħmel dawra bil-mixi madwar Napli flimkien mat-*tour leader*. Filgħaxija nerġgħu noħorġu biex niċċenaw flimkien.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju:**

Wara l-kolazzjon, ikollna eskursjoni għall-belt ta' **Sorrento**. Din il-belt hi popolari ħafna mat-turisti minħabba l-bajja sabiħa tagħha li tħares lejn il-bajja ta' Napli. Hawnhekk issir il-produzzjoni tax-xarba magħrufa '*Limoncello*' u għalhekk tajjeb li nixtru xi flixkun jew tnejn minn dan il-*liquer* apetituz. Ikollna ħin biex naraw il-belt u nirrilassaw fl-ambjent sabiħ ta' madwar il-bajja.
Nirritornaw lura fil-lukanda u filgħaxija nerġgħu noħorġu flimkien biex niċċenaw. .

**Is-Sibt 5 ta' Mejju:**

Kolazzjon. Filgħodu ser immorru **Pompei.** F'**Pompei**, iż-żmien waqaf mal-ħerba kkaġunata mill-iżbroffatura tal-Vesuvio fis-sena 79 W.K. F'dawn l-iskavi

arkeoloġiċi (dħul *extra*), nistgħu nieħdu idea ċara x'tip u xi kwalita ta' ħajja kienu jgħixu r-Rumani f'dak iż-żmien. Ikollna wkoll ħin għall-ikel u għax-xiri mill-parti moderna ta' Pompei. Wara, bil-kowċ immorru fil-korsa t'Agnano sabiex nassistu għat-tiġrijiet taż-żwiemel. Filgħaxija nirritornaw fil-lukanda u wara nerġgħu noħorġu biex niċċenaw flimkien.

**Il-Ħadd 6 ta' Mejju:**

Kolazzjon *buffet*. Il-lum ser immorru minn filgħodu għall-korsa ta' Agnano biex nassistu għat-tiġrijia tant mistennija ''Íl-Gran Premio della Lotteria'' . Qabel it-tiġrija, naraw sfilata verament sabiħa u varjata. Wara li jispiċċaw it-tiġrijiet nibqgħu sejrin biex niċċenaw u ngawdu flimkien l-aħħar lejla tal-vaganza tagħna.

**It-Tnejn 7 ta' Mejju:**

Wara l-kolazzjon, ikollna ħin liberu, iżda ma ninsewx illi rridu nagħmlu ċ-*check out* qabel il-11.00a.m. Min irid jista' jagħmel xi xiri ta' l-aħħar jew immorru lejn iż-żona ta' **Mergellina** fejn inkunu nistgħu nammiraw il-port u l-*yacht marina* kif ukoll il-*promenade*. Wara nofsinhar, bil-kowċ naqbdu t-triq lejn l-ajruport ta' **Ruma** Fiumicino minn fejn fid-9.00p.m. intiru fuq KM 615 lura lejn Malta fejn naslu fl-10.25p.m.

**Prezzijiet :**

| | **€** |
|---|---|
| Adult f'kamra ta' 3 sodod | 570 |
| Adult f'kamra ta' 2 sodod | 600 |
| Adult f'kamra singola | 720 |
| Tfal sa 11 il-sena (fl-istess kamra ma' 2 adulti) | 320 |
| *Insurance standard* adulti | 20 |
| *Insurance standard* tfal | 10 |

**Il-Prezz Jinkludi:**

- Titjira ma' l-Air Malta għal Ruma u lura
- Trasferimenti kollha skont il-programm
- 4 t'iljieli akkomodazzjoni f'lukanda 3 star ġewwa Napli.
- Kolazzjon kuljum
- Eskursjonijiet skont il-programm
- Taxxi kollha u *service charge*
- *Tour Leader* ta' esperjenza matul il-vjaġġ kollu.

*** Ikel u xorb mhux inklużi fil-prezz**

## Għal aktar dettalji ċemplu 99493502 (Piju)
## (Postijiet Limitati)